Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tal-21 ta' Marzu 2018

li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE

(Il-Każ M.8084 — Bayer/Monsanto)

(innotifikata bid-dokument numru C(2018)1709)

(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 459/10)

Fil-21 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn impriżi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa, kif jista' jkun il-każ fil-forma ta' verżjoni provviżorja, tista' tinstab bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: https://ec.europa.eu/commission/index_mt.

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Id-Deċiżjoni tiddikjara l-akkwiżizzjoni ta' Monsanto Company ("Monsanto") minn Bayer Aktiengesellschaft ("Bayer"; flimkien ma' Monsanto "il-Partijiet") permezz tax-xiri ta' ishma (it-"Tranżazzjoni") kompatibbli mas-suq intern u l-Ftehim dwar iż-ŻEE, f'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

2. **PROĊEDURA**

(2) Fl-14 ta' Settembru 2016, Bayer ħabbret li hija se tikseb il-kontroll ta' Monsanto. Bayer innotifikat it-Tranżazzjoni lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2017.

(3) B'deċiżjoni datata t-22 ta' Awwissu 2017 [2], il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni qajmet dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(4) L-investigazzjoni fil-fond ikkonfermat it-tħassib tal-kompetizzjoni identifikat fil-bidu.

(5) Fis-16 ta' Frar 2018, il-Parti Notifikanti ssottomettiet l-impenji finali ("Impenji Finali") li jrendu t-Tranżazzjoni kompatibbli mas-suq intern.

(6) Saret konsultazzjoni mal-Istati Membri dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konċentrazzjonijiet fid-9 ta' Marzu 2018, li ta opinjoni favorevoli. L-Uffiċjal tas-Seduta ta l-opinjoni favorevoli tiegħu dwar il-proċedimenti fir-rapport tiegħu li nħareġ fit-12 ta' Marzu 2018.

(7) Fit-talba motivata tagħha tal-4 ta' April 2018, kif immodifikata fis-6 ta' April 2018, il-Parti Notifikanti pproponiet li temenda l-Impenji Finali, kif deskritti hawn taħt fit-taqsimiet 6.1.3. u 6.1.5. Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni approvat il-modifika tal-Impenji Finali [3].

3. **IL-PARTIJIET**

(8) Bayer, inkorporata fil-Ġermanja, hija attiva f'erba' oqsma: il-prodotti farmaċewtiċi, is-saħħa tal-konsumaturi, l-agrikoltura ("Bayer Crop Science") u s-saħħa tal-annimali. L-effetti kompetittivi tat-Tranżazzjoni jikkonċernaw prinċipalment id-diviżjoni ta' Bayer Crop Science. Bayer Crop Science topera tliet segmenti tan-negozju: (i) Il-Protezzjoni tal-Għelejjel; (ii) iż-Żrieragħ; u (iii) ix-Xjenza Ambjentali. Bayer hija attiva wkoll fl-iżvilupp ta' teknoloġiji bijoloġiċi u fl-iżvilupp u l-provvista ta' servizzi tal-agrikoltura diġitali.

(9) Monsanto, inkorporata fl-Istati Uniti, hija kumpanija tal-agrikoltura li tipproduċi żrieragħ u prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel (iffokata fuq l-erbiċida tal-glifosat li tikkummerċjalizza taħt il-marka "Roundup"). Barra minn hekk, Monsanto hija involuta fir-riċerka dwar prodotti bijoloġiċi agrikoli. Monsanto tipprovdi wkoll lill-bdiewa b'servizzi ta' agrikoltura diġitali permezz ta' "The Climate Corporation".

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] ĠU C 286, 30.8.2017, p. 1.
[3] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11.4.2018 li temenda l-impenji fil-Każ M.8084 – Bayer/Monsanto, C(2018) 2208 finali.

4. ID-DIMENSJONI TAL-UNJONI

(10) L-impriżi kkonċernati għandhom fatturat aggregat ikkombinat fuq livell dinji ta' aktar minn EUR 5 000 miljun [Bayer: EUR […]; Monsanto: EUR […]]. Kull waħda minnhom għandha fatturat fuq livell tal-Unjoni li jeċċedi l-EUR 250 miljun [Bayer: EUR […]; Monsanto: EUR […]], iżda huma ma jilħqux aktar minn żewġ terzi tal-fatturat aggregat tagħhom fuq livell tal-Unjoni fi ħdan l-istess Stat Membru. Għalhekk, it-Tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

5. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

5.1. Is-swieq tal-prodotti rilevanti

(11) Id-Deċiżjoni tindirizza l-oqsma/is-swieq li ġejjin fejn huma attivi l-Partijiet:

(a) Iż-żrieragħ tal-ħxejjex (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni reali tal-prezz/prodott);

(b) Iż-żrieragħ ta' għelejjel fuq skala kbira, inklużi żrieragħ żejtnin, qoton u qamħ (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni reali u potenzjali tal-prezz/prodott);

(c) Il-karatteristiċi ta' għelejjel fuq skala kbira (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni reali u potenzjali tal-prezz/prodott, kif ukoll fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni);

(d) Il-protezzjoni tal-għelejjel, inklużi l-erbiċidi agrikoli u mhux agrikoli mhux selettivi (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni reali u potenzjali tal-prezz/prodott, kif ukoll fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni) u s-sistemi ta' tolleranza tal-erbiċidi (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni), it-trattament taż-żrieragħ (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni potenzjali u effetti vertikali), il-fungiċidi (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni), l-insettiċidi (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni), il-prodotti mikrobiċi għall-effiċjenza tal-għelejjel (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni), il-prodotti ta' saħħet in-naħal li għandhom fil-mira d-dud varroa (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni);

(e) Il-preskrizzjonijiet agronomiċi diġitali ta' fungiċidi għal għelejjel fuq skala kbira (effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni potenzjali tal-prezz/prodott).

5.1.1. *Żrieragħ tal-ħxejjex*

(12) Il-Kummissjoni sabet li s-suq tal-prodott rilevanti jinkludi kemm il-liċenzjar kif ukoll il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ tal-ħxejjex għal kull għalla tal-ħxejjex. Il-Kummissjoni sabet ukoll li kull għalla tal-ħxejjex tikkostitwixxi suq ta' prodott separat, iżda tikkonsisti f'segmenti differenzjati ħafna. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li huwa rilevanti ħafna li ssir il-valutazzjoni kompetittiva tal-effetti tal-prezzijiet fil-livell tas-segmenti.

(13) Il-Kummissjoni użat is-segmentazzjoni ssuġġerita mill-Partijiet li nstabet li hija affidabbli. Is-segmentazzjoni tiddistingwi s-segmenti skont: (i) L-ambjent tat-tkabbir (għalqa miftuħa, serra tal-plastik u mdawra bix-xbieki, jew serra tal-ħġieġ); (ii) It-tip ta' żerriegħa (imdakkra b'mod miftuħ jew ibrida); (iii) L-użu (frisk jew ipproċessar); (iv) Jekk il-pjanta mkabbra ġietx imnissla mis-salvaġġ jew le; u (v) Il-karatteristiċi tal-ħxejjex imkabbra (it-tip, id-daqs, il-kulur, it-togħma, eċċ., tal-ħxejjex).

(14) Il-Kummissjoni sabet li l-ambitu ġeografiku tas-swieq taż-żrieragħ tal-ħxejjex huwa nazzjonali minħabba r-reġistrazzjoni nazzjonali, id-distribuzzjoni nazzjonali u l-arbitraġġ dgħajjef tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat ukoll li hemm fatturi oħrajn li jissuġġerixxu li s-suq taż-żrieragħ tal-ħxejjex jista' jkun usa' minn dak nazzjonali.

5.1.2. *Żrieragħ ta' għelejjel fuq skala kbira*

(15) Il-Kummissjoni analizzat is-swieq għall-għelejjel fuq skala kbira fejn l-attivitajiet tal-Partijiet jikkoinċidu: iż-żrieragħ żejtnin, il-qoton u l-qamħ.

5.1.2.1. *Żrieragħ żejtnin (oilseed rape - "OSR")*

(16) L-industrija tal-OSR hija industrija b'żewġ stadji, li tinkludi (i) it-tnissil ta' varjetajiet ġodda ta' OSR u (ii) il-produzzjoni kummerċjali ta' żerriegħa minn dawn il-varjetajiet u l-bejgħ taż-żerriegħa lill-klijenti. Bayer u Monsanto t-tnejn inisslu u jikkummerċjalizzaw varjetajiet ġodda ta' OSR madwar l-UE kollha, kif ukoll f'partijiet oħrajn tad-dinja. It-tnejn għandhom programmi ta' tnissil komprensivi fl-Ewropa.

(17) Il-Kummissjoni tqis li s-swieq tal-prodotti rilevanti għall-OSR huma: (i) Is-suq upstream għal-liċenzjar ta' ġermoplażma għall-finijiet tat-tnissil ta' varjetajiet ġodda ta' OSR; (ii) Is-suq upstream għal-liċenzjar ta' varjetajiet ta' OSR għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni; u (iii) Is-suq downstream għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ OSR.

(18) Il-Kummissjoni tħalli miftuħa l-kwistjoni ta' jekk is-swieq downstream għandhomx jiġu suddiviżi aktar bejn iż-żewġ tipi ta' OSR li huma kkultivati madwar l-Ewropa: iż-żrieragħ żejtnin tax-xitwa (winter oilseed rape - "WOSR") u ż-żrieragħ żejtnin tas-sajf (jew tar-rebbiegħa) (summer (or spring) oilseed rape - "SOSR").

(19) Il-Kummissjoni tqis li: (i) L-ambitu ġeografiku tas-suq għal-liċenzjar tal-ġermoplażma huwa fl-UE kollha; (ii) L-ambitu ġeografiku tas-suq għal-liċenzjar tal-varjetajiet ta' OSR huwa fl-UE kollha; u (iii) L-ambitu ġeografiku tas-suq għall-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetajiet ta' OSR huwa nazzjonali.

5.1.2.2. *Qoton*

(20) Il-Kummissjoni tqis li s-suq rilevanti għall-finijiet tal-analiżi kompetittiva huwa l-liċenzjar tal-varjetajiet tal-qoton għall-produzzjoni u l-bejgħ. L-ambitu ġeografiku ta' tali suq huwa fl-UE kollha.

5.1.2.3. *Qamħ*

(21) Il-Kummissjoni tikkunsidra żewġ swieq ta' prodotti rilevanti: (i) is-suq upstream għal-liċenzjar ta' varjetajiet ta' qamħ għall-produzzjoni u l-bejgħ (iżda mhux għat-tnissil), u (ii) is-suq downstream għall-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ tal-qamħ.

(22) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-ambitu ġeografiku tas-suq tal-qamħ huwa fl-UE kollha għas-suq tal-liċenzjar (upstream) u nazzjonali għas-suq tal-kummerċjalizzazzjoni (downstream).

5.1.3. ***Karatteristiċi ta' għelejjel fuq skala kbira***

(23) Il-Kummissjoni sabet li qabel it-tnissil taż-żerriegħa u l-kummerċjalizzazzjoni, hemm tliet saffi tas-suq differenti għall-karatteristiċi. Dawn huma: (i) is-saff tal-liċenzjar għall-iskoperti tal-karatteristiċi, (ii) is-saff tal-liċenzjar għall-karatteristiċi uniċi, u (iii) is-saff għall-għoti ta' liċenzji għall-karatteristiċi kkombinati. Il-Kummissjoni tqis li s-saff tal-liċenzjar għall-iskoperti tal-karatteristiċi ma jikkostitwixxix suq tal-prodott iżda huwa pjuttost spazju ta' innovazzjoni, filwaqt li tqis li hemm swieq ta' prodotti separati għall-għoti ta' liċenzji b'karatteristiċi kkombinati fuq naħa waħda, u l-liċenzjar tal-karatteristiċi fuq in-naħa l-oħra.

(24) Fis-saff tal-liċenzjar tal-karatteristiċi uniċi, is-swieq tal-prodotti rilevanti huma identifikati minn funzjonalità speċifika, bħat-tolleranza għal erbiċida speċifika, kif ukoll għalla speċifika. Fil-każ tal-funzjonalitajiet tar-Reżistenza għall-Insetti ("Insect Resistance" - IR), subsegmentazzjoni oħra tal-karatteristiċi tal-IR hija definita abbażi tal-familja ta' insetti li għaliha l-karatteristika tipprovdi reżistenza.

(25) Għas-saff għall-għoti ta' liċenzji b'karatteristiċi kkombinati, is-swieq tal-prodotti rilevanti jistgħu jiġu distinti minn xulxin skont l-għalla.

(26) Il-Kummissjoni tqis li s-swieq ġeografiċi rilevanti għal-liċenzjar tal-karatteristiċi u għall-għoti ta' liċenzji b'karatteristiċi kkombinati huma globali.

5.1.4. ***Il-protezzjoni tal-għelejjel***

5.1.4.1. *L-immaniġġjar tal-ħaxix ħażin*

(A) Erbiċidi agrikoli mhux selettivi

(27) L-erbiċidi mhux selettivi (non-selective herbicides - "NSH") huma prodotti li għandhom spettru wiesa' ta' azzjoni u li joqtlu kemm il-ħaxix kif ukoll il-ħaxix ħażin b'weraq wesgħin ċatti.

(28) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-suq tal-prodott rilevanti għall-erbiċidi agrikoli jenħtieġ li jiġi ssegmentat, fuq naħa waħda, bejn erbiċidi selettivi u l-NSH u, fuq in-naħa l-oħra, fi ħdan l-NSH, bejn għelejjel perenni (l-uniku segment fejn il-Partijiet jikkoinċidu materjalment fiż-ŻEE) u għelejjel mhux perenni.

(29) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel huwa nazzjonali.

(B) Erbiċidi mhux agrikoli mhux selettivi

(30) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-swieq tal-prodotti rilevanti għall-NSH mhux agrikoli jenħtieġ li jiġu ssegmentati bejn (i) l-immaniġġjar tal-veġetazzjoni industrijali ("industrial vegetation management" - IVM) u (ii) turf u pjanti ornamentali.

(31) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, fi ħdan l-IVM, il-prodotti li jeqirdu l-pjanti selvaġġi u l-applikazzjonijiet ferrovjarji jikkostitwixxu swieq separati ta' prodotti rilevanti.

(32) Il-Kummissjoni tqis ukoll li, anki fi ħdan is-segment tal-IVM, l-NSH jenħtieġ ukoll li jiġu rragruppati skont iż-żmien tal-applikazzjoni tagħhom f'żewġ kategoriji li jinkludu rispettivament (a) prodotti preemerġenti u prodotti prepostemerġenti u (b) prodotti postemerġenti u prodotti prepostemerġenti.

(33) Il-Kummissjoni tqis li l-ambitu ġeografiku tas-swieq rilevanti huwa nazzjonali.

(C) Sistemi ta' tolleranza għall-erbiċidi

(34) Is-sistemi tal-immaniġġjar tal-ħaxix ħażin jikkombinaw erbiċidi mhux selettivi tipikament b'għelejjel tolleranti għal dawn l-erbiċidi, permezz ta' modifika ġenetika ta' tali għelejjel ("Sistemi GM") jew, aktar rari, permezz tal-użu ta' għelejjel tolleranti b'mod nattiv, jiġifieri għelejjel mhux ġenetikament modifikati ("Sistemi mhux GM"). Is-Sistemi GM u s-Sistemi Mhux GM issir referenza għalihom flimkien bħala "Sistemi HT".

(35) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-Sistemi HT kollha għal għalla partikolari jikkompetu f'suq differenzjat ta' prodotti rilevanti u li l-ispazji ta' innovazzjoni korrispondenti jinkludu l-innovazzjoni fis-Sistemi HT kemm fl-għelejjel (speċjalment fl-istadji bikrin tar-riċerka) kif ukoll għal kull għalla rilevanti (bħal sojja, qoton, qamħirrum, OSR/kanola, ross, qamħ).

(36) Il-Kummissjoni tqis li l-ambitu ġeografiku rilevanti tal-ispazji ta' innovazzjoni għas-Sistemi HT huwa fuq livell dinji.

5.1.4.2. *It-trattament taż-żrieragħ*

(37) It-trattament taż-żrieragħ huwa t-trattament (jew it-tħejjija) taż-żrieragħ b'formulazzjonijiet speċifiċi sabiex dawn jiġu protetti fl-istadji bikrin tal-iżvilupp tagħhom. Għalhekk, it-trattament taż-żrieragħġħandu fil-mira l-mard u l-insetti li jgħixu fil-ħamrija jew l-insetti tal-istaġun bikri ("trattament taż-żrieragħ funġiċidi u insettiċidi"), kif ukoll in-nematodi ("trattament taż-żrieragħ nematiċidi").

(38) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li t-trattament taż-żrieragħ jikkostitwixxi suq ta' prodott separat minflok tip partikolari ta' applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel. It-trattament taż-żrieragħ ikompli jinqasam skont l-għalla u skont l-indikazzjoni (eż. insettiċidi u fungiċidi). Fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ nematiċidi, il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-suq tal-prodott rilevanti li għandu jinżamm għall-analiżi kompetittiva huwa t-trattament taż-żrieragħ għall-kontroll tan-nematodi skont l-għelejjel.

(39) Fir-rigward tas-suq downstream għas-suq tat-trattament taż-żrieragħ, għall-finijiet tad-Deċiżjoni, tista' titħalla miftuħa l-kwistjoni ta' jekk is-suq tal-prodott downstream jinkludix ukoll żrieragħ mhux ittrattati.

(40) Il-Kummissjoni tqis li l-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-prodotti għat-trattament taż-żrieragħ huwa nazzjonali.

5.1.4.3. *Fungiċidi*

(41) Il-fungiċidi huma agrokimiċi li jikkontrollaw il-mard; huma jintużaw sabiex jipprevjenu d-deterjorazzjoni tal-pjanti u tal-prodotti ta' pjanti kkawżati minn fungi u moffa.

(42) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni kompetittiva tagħha tal-fungiċidi skont l-għalla/il-marda. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-ispazju ta' innovazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tagħha huwa l-innovazzjoni fil-fungiċidi għal għelejjel/mard jew gruppi ta' mard differenti.

(43) Il-Kummissjoni tqis ukoll li tista' titħalla miftuħa l-kwistjoni ta' jekk il-funġiċidi kimiċi u bijoloġiċi jikkostitwixxux swieq tal-prodotti separati minħabba li t-Tranżazzjoni ma tagħtix lok għal tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern skont kwalunkwe definizzjoni tas-suq plawżibbli.

(44) L-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-prodotti fungiċidi huwa nazzjonali. Id-dimensjoni ġeografika tal-ispazji ta' innovazzjoni tista' titħalla miftuħa.

5.1.4.4. *Insettiċidi*

(45) Insettiċidi huma prodotti maħsuba biex jikkontrollaw l-insetti li jagħmlu ħsara lill-għelejjel ikkultivati, b'mod partikolari l-għelejjel tal-ikel. Huma jistgħu jiġu applikati b'numru ta' modi differenti, inkluża l-applikazzjoni tat-trattament tal-weraq, tal-ħamrija u taż-żerriegħa.

(46) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni kompetittiva tagħha tal-insettiċidi skont l-għalla/l-organiżmu ta' ħsara. Il-Kummissjoni tqis li l-ispazju ta' innovazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tagħha huwa l-insettiċidi abbażi tal-organiżmu ta' ħsara.

(47) Il-Kummissjoni tqis li tista' titħalla miftuħa l-kwistjoni ta' jekk l-insettiċidi għandhomx ikomplu jinqasmu bejn bijoloġiċi u kimiċi minħabba li t-Tranżazzjoni ma tagħtix lok għal tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern skont kull definizzjoni tas-suq plawżibbli.

(48) L-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-prodotti insettiċidi huwa nazzjonali, filwaqt li d-dimensjoni ġeografika tal-ispazji ta' innovazzjoni tista' titħalla miftuħa.

5.1.4.5. *Prodotti mikrobiċi għall-effiċjenza tal-għelejjel*

(49) Il-mikrobi (magħrufa wkoll bħala prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel "bijoloġiċi") huma magħmula minn mikroorganiżmi, ġeneralment batterju, vajrus jew fungus. Huma jistgħu jintużaw sabiex jipproteġu l-għelejjel (bijopestiċidi) u/jew sabiex itejbu l-produttività u l-fertilità tal-pjanti (bijostimulanti u bijofertilizzanti).

(50) Il-bijostimulanti u l-bijofertilizzanti huma maħsuba sabiex itejbu s-saħħa tal-għelejjel, ir-rendiment u t-tolleranza għall-kundizzjonijiet tal-istress u, kuntrarju għall-bijopestiċidi, ma għandhomx azzjonijiet diretti kontra l-organiżmu ta' ħsara jew il-mard. Huma jissejħu wkoll prodotti ta' "effiċjenza fl-għelejjel".

(51) Id-definizzjoni tas-suq tal-prodott għall-prodotti mikrobiċi għall-effiċjenza tal-għelejjel, kif ukoll id-definizzjoni rilevanti tas-suq ġeografiku tista' titħalla miftuħa minħabba li t-Tranżazzjoni ma tagħtix lok għal tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern skont kwalunkwe definizzjoni tas-suq plawżibbli.

(52) Il-Kummissjoni tqis li l-ispazju ta' innovazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tagħha huwa l-innovazzjoni fi prodotti mikrobiċi għall-effiċjenza tal-għelejjel.

5.1.4.6. *Saħħet in-naħal*

(53) Il-Kummissjoni tqis li hemm suq ta' prodott separat għal prodotti li għandhom fil-mira u li jikkontrollaw id-dud varroa li jinfestaw il-kolonji tan-naħal. Il-Kummissjoni tqis ukoll li s-segmentazzjoni tas-suq bejn prodotti bijoloġiċi u kimiċi jew abbażi tal-ingredjent attiv/mod ta' azzjoni jew mod ta' amministrazzjoni ma tidhirx li hija ġustifikata.

(54) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-ispazju ta' innovazzjoni rilevanti huwa l-prodotti għal saħħet in-naħal li għandhom fil-mira l-*varroa destructor*.

(55) L-ambitu ġeografiku tas-swieq tal-prodotti għal saħħet in-naħal huwa nazzjonali, filwaqt li d-dimensjoni ġeografika tal-ispazji ta' innovazzjoni tista' titħalla miftuħa.

5.1.5. ***Preskrizzjonijiet agronomiċi diġitali***

(56) L-agrikoltura diġitali tirreferi għall-ġbir ta' *data* u informazzjoni dwar irziezet bil-għan li tipprovdi pariri mfassla apposta jew *data* aggregata lill-bdiewa sabiex iżidu l-produttività tal-irziezet. L-agrikoltura diġitali bħalissa tinsab fil-bidu tagħha, iżda qiegħda tiżviluppa malajr.

(57) Fi ħdan l-agrikoltura diġitali, preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali jirreferu għal rakkomandazzjonijiet jew pariri dwar l-għażla u l-applikazzjoni (eż. doża, għażla tal-ħin) ta' inputs (eż. prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel) ipprovduti f'livell dejjem aktar iddettaljat fuq livell ġeografiku (eż. għalqa, żona ta' għelieqi jew b'mod aktar speċifiku) sabiex jiġu implimentati minn bidwi. Ir-rakkomandazzjonijiet jew il-pariri inkwistjoni jiġu ġġenerati minn magna agronomika analitika bbażata fuq settijiet kbar ta' *data* pubblika u proprjetarja.

(58) Il-Kummissjoni tikkonkludi li servizzi ta' preskrizzjoni b'mezzi diġitali jikkostitwixxu kategorija distinta ta' servizzi fi ħdan l-agrikoltura diġitali minħabba li (i) jeħtieġu, fost l-oħrajn, aktar saffi ta' *data*, algoritmi aktar kumplessi u kapaċitajiet usa', u (ii) jirrakkomandaw pjan ta' azzjoni konkret għall-bdiewa, b'livell għoli ta' dettall u adattament. Il-Kummissjoni tqis li dan għandu jiġi ssegmentat aktar skont il-prodott tal-input (eż. fungiċidi, eċċ.) u skont ir-raggruppamenti tal-għelejjel (eż. għelejjel fuq skala kbira).

(59) Fir-rigward tas-suq ġeografiku rilevanti, il-Kummissjoni tqis li l-ambitu ġeografiku tiegħu huwa nazzjonali, għalkemm fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni qieset ukoll il-kuntest ġeografiku reġjonali usa', fejn rilevanti.

5.2. **Valutazzjoni kompetittiva**

5.2.1. ***Żrieragħ tal-ħxejjex***

(60) Il-Kummissjoni vvalutat l-effetti orizzontali fuq il-kompetizzjoni tal-prezzijiet/prodotti fis-swieq taż-żrieragħ tal-ħxejjex. Fl-UE, l-attivitajiet tal-Partijiet jikkoinċidu f'16-il għalla tal-ħxejjex (eż. tadam, ħjar, eċċ.). Kull għalla tkompli tinqasam f'segmenti (eż. tadam żgħir imkabbar fis-serer).

(61) Il-kompetizzjoni tal-prezzijiet għaż-żrieragħ tal-ħxejjex isseħħ fil-livell tas-segment/tal-pajjiż. Għalhekk, il-valutazzjoni kompetittiva għandha titwettaq f'diversi mijiet ta' kombinazzjonijiet ta' segmenti/pajjiżi. Fid-dawl ta' dan in-numru għoli ta' kombinazzjonijiet ta' segmenti/pajjiżi li għandhom jiġu vvalutati, il-Kummissjoni applikat filtri bbażati fuq is-sehem tas-suq u l-livelli ta' konċentrazzjoni (HHI u delta tal-HHI) sabiex tidentifika s-swieq fejn it-Tranżazzjoni xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva. Għal ċerti swieq, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni aktar fil-fond abbażi ta' fatturi strutturali u kwalitattivi.

(62) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qieset li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva minħabba effetti mhux ikkoordinati u/jew il-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti f'numru ta' swieq taż-żrieragħ tal-ħxejjex madwar l-UE, li jikkorrespondu għal bejn wieħed u ieħor 200 kombinazzjoni ta' segmenti/pajjiżi.

5.2.2. ***Żrieragħ ta' għelejjel fuq skala kbira***

5.2.2.1. *Żrieragħ żejtnin ("oilseed rape" - OSR)*

(63) Bħalissa, Monsanto tinsab fuq quddiem nett tas-suq fiż-ŻEE. Is-sehem mis-suq taż-ŻEE ta' Bayer f'WOSR huwa ta' madwar [0-5] % kemm fil-livell tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll f'dak tan-nissiela. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ishma mis-suq ikkombinati disponibbli jistgħu jissottovalutaw il-pożizzjoni kompetittiva tal-Partijiet, b'mod partikolari fid-dawl tas-suċċess mistenni fuq il-prodotti ewlenin ta' Bayer fil-Kanola u l-istrateġija globali tagħha għall-OSR fiż-ŻEE.

(64) Bħalissa, Bayer hija l-parteċipanta ewlenija globali fl-OSR. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni wriet li, qabel it-Tranżazzjoni, Bayer kellha pjanijiet kredibbli u kapaċitajiet b'saħħithom sabiex issir parteċipanta ewlenija fl-OSR fl-UE, kif ukoll li tali pjanijiet kienu diġà qed juru xi riżultati pożittivi. It-Tranżazzjoni ma' Monsanto tirriskja li tipperikola dawn il-pjanijiet bl-effett probabbli li tagħmel ħsara lill-klijenti tal-OSR.

(65) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li Bayer x'aktarx issir kompetitur b'saħħtu fis-swieq nazzjonali tal-OSR fejn Monsanto hija wkoll b'saħħitha.

(66) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta maż-żrieragħ OSR fi Franza, fl-Irlanda, fl-Estonja u fir-Renju Unit, minħabba li x'aktarx li telimina restrizzjoni kompetittiva importanti u tirriżulta f'effetti mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-prodotti u tal-prezzijiet.

5.2.2.2. *Qoton*

(67) It-trikkib fl-attivitajiet tal-Partijiet fin-negozju taż-żerriegħa tal-qoton fl-UE jinħoloq fis-suq (upstream) għal-liċenzjar taż-żrieragħ tal-qoton għall-kummerċjalizzazzjoni.

(68) Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni tlaqqa' flimkien l-aktar żewġ kompetituri importanti fis-suq tal-UE għal-liċenzjar tal-varjetajiet tal-qoton għall-produzzjoni u l-bejgħ.

(69) Il-pożizzjoni b'saħħitha tal-Partijiet fis-suq tal-UE għal-liċenzjar tal-varjetajiet tal-qoton għall-produzzjoni u l-bejgħ issegwi mill-pożizzjoni globali b'saħħitha tagħhom fir-rigward taż-żrieragħ tal-qoton. L-investigazzjoni tas-suq żvelat li l-punti ta' saħħa tal-Partijiet jinkludu l-kwalità tal-ġabra tagħhom ta' ġermoplażma, il-kapaċitajiet tagħhom ta' tnissil, il-programmi ta' riċerka u żvilupp tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw karatteristiċi u l-kapaċità tagħhom li jiksbu aċċess għall-klijenti tal-qoton.

(70) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mal-liċenzjar tal-varjetajiet tal-qoton għall-produzzjoni u l-bejgħ fl-UE minħabba li x'aktarx se ssaħħaħ jew għall-inqas toħloq pożizzjoni dominanti, minħabba effetti orizzontali mhux ikkoordinati.

5.2.2.3. *Qamħ*

(71) Minħabba li bħalissa l-ebda waħda mill-Partijiet ma hija attiva fil-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ tal-qamħ fl-UE, il-Kummissjoni vvalutat jekk Bayer u Monsanto humiex kompetituri potenzjali.

(72) Il-Kummissjoni ssib li, fil-preżent, hemm probabbiltà sinifikanti li Bayer [pjanijiet ta' negozju] tikber f'forza kompetittiva effettiva. L-attivitajiet tal-qamħ kummerċjali ta' Monsanto jseħħu fin-negozju taż-żerriegħa tal-qamħ kummerċjali ta' Monsanto fl-Istati Uniti, li huwa kompletament magħmul minn varjetajiet imdakkra b'mod miftuħ. Il-Kummissjoni ssib li ma hemm l-ebda probabbiltà sinifikanti li Monsanto tikber f'forza kompetittiva effettiva fl-Ewropa f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(73) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tal-istrateġija ta' Bayer iffokata fuq il-qamħ ibridu, kieku Monsanto kellha tidħol b'varjetajiet imdakkra b'mod miftuħ, Bayer u Monsanto ma jkunux kompetituri mill-qrib fl-UE.

(74) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssib li, fil-preżent, hemm numru biżżejjed ta' kompetituri oħrajn fis-suq tal-qamħ, li jżommu pressjoni kompetittiva suffiċjenti wara t-Tranżazzjoni.

(75) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li mhuwiex probabbli li t-Tranżazzjoni xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għaż-żrieragħ tal-qamħ fl-Ewropa.

5.2.3. ***Karatteristiċi ta' għelejjel fuq skala kbira***

(76) Il-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tivvaluta l-effetti tat-Tranżazzjoni fuq is-swieq għal-liċenzjar tal-karatteristiċi għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, it-Tranżazzjoni għandha effetti diretti u immedjati fuq il-parteċipanti Ewropej attivi fis-suq upstream globali għal-liċenzjar tal-karatteristiċi. F'dan is-suq, it-Tranżazzjoni taffettwa direttament lill-kumpaniji taż-żrieragħ Ewropej importanti, li jilliċenzjaw il-karatteristiċi ta' Bayer u/jew Monsanto, filwaqt li taffettwa wkoll lil parteċipanti oħrajn fis-suq Ewropew li huma kompetituri għall-Partijiet.

(77) It-tieni nett, bħala tali, il-karatteristiċi GM mhumiex ipprojbiti mill-Ewropa. Fil-fatt, jintużaw xi karatteristiċi GM u l-għelejjel GM jitkabbru fl-Ewropa. Karatteristika IR ta' Monsanto, li tagħti reżistenza għall-qamħirrum lil Lepidoptera, imsejħa MON810, hija approvata għall-kultivazzjoni fi ftit Stati Membri, jiġifieri Spanja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja. It-tielet, l-UE hija importatur sinifikanti ħafna ta' għelejjel GM. Il-Partijiet jistmaw li l-importazzjonijiet totali fiż-ŻEE ta' għelejjel GM jammontaw għal bejn wieħed u ieħor USD 13-il biljun, bil-maġġoranza vasta tagħhom iġorru l-karatteristiċi ta' Bayer jew Monsanto. Ir-raba', mhux il-karatteristiċi kollha huma tat-tip GM. Illum il-ġurnata, xi karatteristiċi mhux GM huma kummerċjalment disponibbli, u kemm Bayer kif ukoll Monsanto huma innovaturi fil-karatteristiċi mhux ĠM u jqisu lill-UE bħala suq importanti.

5.2.3.1. *Kompetizzjoni tal-prodott*

(78) B'mod partikolari, il-Kummissjoni vvalutat il-kompetizzjoni bejn Liberty-Link ta' Bayer u Roundup Ready ta' Monsanto fuq il-qamħ, l-OSR/il-kanola, il-qoton u l-fażola tas-sojja. Fil-fażola tas-sojja, il-Kummissjoni identifikat trikkib fil-karatteristiċi HT u, b'mod partikolari, il-glifosat HT (Roundup Ready) u l-glufosinat HT (LibertyLink) b'alternattivi limitati. Fil-qoton, il-Partijiet jikkoinċidu fil-karatteristiċi HT u IR u l-kompetituri jipprevedu alternattivi limitati. Fl-OSR, il-Kummissjoni identifikat trikkib fil-karatteristiċi HT b'restrizzjonijiet limitati mill-kompetituri. Fil-qamħirrum, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-trikkib fil-karatteristiċi HT isaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' Monsanto fis-suq tal-karatteristiċi HT tal-qamħirrum.

(79) Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat trikkib orizzontali fil-karatteristiċi kkombinati: hemm għadd ta' trikkib ta' prodotti li jikkompetu mill-qrib fil-fażola tas-sojja, fil-qoton u fl-OSR, b'alternattivi ħafna drabi limitati mill-kompetituri.

(80) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva tal-prezzijiet u tal-prodotti (reali u potenzjali) f'kull wieħed mis-swieq li ġejjin: (i) fażola tas-sojja HT; (ii) qoton HT; (iii) qoton reżistenti għal-Lep.; (iv) qamħirrum HT; (v) OSR/kanola HT; (vi) il-karatteristiċi kkombinati tal-fażola tas-sojja; (vii) il-karatteristiċi kkombinati tal-qoton; (viii) il-karatteristiċi kkombinati tal-OSR/tal-kanola.

(81) Fl-OSR HT, it-tranżazzjoni toħloq pożizzjoni dominanti.

5.2.3.2. *Il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fil-karatteristiċi*

(82) Il-parteċipanti tal-industrija jinvolvu ruħhom fi sforzi ta' innovazzjoni sabiex jiskopru u jiżviluppaw karatteristiċi ġodda. Meta tqis kemm is-swieq tal-prodotti downstream kif ukoll is-swieq tat-teknoloġija upstream, l-innovazzjoni ma għandhiex tinftiehem bħala suq fiha nnifisha, iżda bħala attività li tikkontribwixxi kemm għas-swieq tat-teknoloġija upstream kif ukoll għas-swieq tal-prodotti downstream. Madankollu, dan ma jwaqqafx lill-Kummissjoni milli tivvaluta l-impatt tat-Tranżazzjoni fil-livell tal-isforzi li għamlu l-Partijiet u l-kompetituri tagħha fl-innovazzjoni. Il-Kummissjoni vvalutat il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni li qed isseħħ fl-ispazji ta' innovazzjoni li jikkonsistu f'raggruppamenti ta' għelejjel/kombinazzjonijiet ta' funzjonalità.

(83) Ir-riċerka u l-iżvilupp tal-karatteristiċi huma kkaratterizzati minn ostakoli kbar għad-dħul u l-espansjoni, filwaqt li, għall-karatteristiċi HT u IR, ir-riċerka u l-iżvilupp huma kkonċentrati ħafna ma' erba' parteċipanti integrati biss. Il-Partijiet huma innovaturi ewlenin fil-karatteristiċi. Barra minn hekk, id-*data* tal-privattiva tal-Kummissjoni wriet li l-Partijiet huma innovaturi importanti għal bosta spazji ta' innovazzjoni u għal invenzjonijiet għall-għelejjel inkroċjati fil-kontroll tal-ħaxix ħażin u l-kontroll tal-insetti.

(84) Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni x'aktarx ixxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni f'oqsma fejn l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp tal-Partijiet jitrikkbu, u l-Partijiet huma kompetituri mill-qrib b'alternattivi limitati. Dawn l-oqsma huma s-sojja HT, IR u SCN, il-qoton HT u IR, l-OSR HT, il-qamħ HT mhux ġenetikament modifikat u r-riċerka tal-għelejjel inkroċjati. Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni x'aktarx ixxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fl-innovazzjoni globali fl-HT u l-IR għal dawn l-għelejjel billi telimina l-kompetizzjoni tal-innovazzjoni reali jew potenzjali bejn il-Partijiet.

5.2.3.3. *It-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' Monsanto*

(85) Monsanto hija dominanti fis-swieq rilevanti iżda wkoll fil-livell tal-industrija minħabba l-influwenza ta' Monsanto fil-pjattaforma RoundupReady fuq l-għelejjel. F'dan il-kuntest, Bayer hija waħda mill-ftit kompetituri li fadal u, fl-istess ħin, hija partikolarment attiva u għandha riżorsi adegwati b'mod li tista' toffri sfida lil Monsanto. F'dan l-isfond, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kkonfermat riskju probabbli ta' preklużjoni ta' kompetituri ta' karatteristiċi oħrajn. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-Tranżazzjoni se ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' Monsanto.

5.2.4. ***Il-protezzjoni tal-għelejjel***

5.2.4.1. *L-immaniġġjar tal-ħaxix ħażin*

(A) Erbiċidi agrikoli u mhux agrikoli mhux selettivi (effetti mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni reali u potenzjali tal-prodotti u tal-prezzijiet)

(86) Fiż-ŻEE, Monsanto tbigħ biss glifosat, l-aktar taħt il-marka Roundup. Il-glifosat huwa l-aktar ingredjent attiv ta' protezzjoni tal-għelejjel li jinbiegħ globalment, l-aktar minħabba l-użu tiegħu fuq għelejjel tolleranti għall-erbiċidi, iżda wkoll fiż-ŻEE. Monsanto qed jiżviluppa wkoll [prodotti li għadhom qegħdin jiġu żviluppati].

(87) Fiż-ŻEE, Bayer timmanifattura u tbigħ l-NSH prinċipalment abbażi tal-ingredjent attiv tal-glufosinat. Bayer tbigħ ukoll kwantitajiet limitati ta' formulazzjonijiet ta' glifosat. Bħalissa, Bayer qed tippjana li tniedi [prodott li għadu qed jiġi żviluppat]. Fl-aħħar nett, Bayer għandha għadd ta' proġetti differenti li għadhom qegħdin jiġu żviluppati ([linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH]), li se jkunu mmirati għall-frankiġja tal-glifosat ta' Monsanto.

(88) Fir-rigward tat-trikkib bejn il-prodotti disponibbli bħalissa fiż-ŻEE, il-Partijiet għandhom ishma kkombinati għoljin tas-suq nazzjonali b'żieda skont id-definizzjonijiet plawżibbli kollha tas-suq kemm f'użi agrikoli kif ukoll f'użi mhux agrikoli (jiġifieri l-immaniġġjar ta' veġetazzjoni industrijali bħal toroq, linji ferrovjarji, eċċ.) li x'aktarx iwasslu għal effetti mhux ikkoordinati jew saħansitra għall-ħolqien jew għat-tisħiħ ta' pożizzjonijiet dominanti. L-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat li, filwaqt li l-prodotti tal-Partijiet huma differenzjati, huma jikkompetu ras imb'ras għal għadd sinifikanti ta' ħtiġijiet u huma kompetituri mill-qrib, jekk biss minħabba li huma l-eqreb tnejn minn massimu ta' tliet NSH fiż-ŻEE.

(89) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-Partijiet qed jaħdmu sabiex jippreservaw jew, jekk possibbli, saħansitra jsaħħu l-pożizzjonijiet tagħhom fis-swieq agrikoli tal-NSH permezz tat-tnedija ta' prodotti futuri li jikkompetu mill-qrib.

(90) Il-Kummissjoni tqis li, għalkemm il-pressjoni regolatorja tidher li taffettwa l-NSH fiż-ŻEE, hija ma taffettwax is-swieq nazzjonali rilevanti kollha u tidher li taffettwa l-aktar lil ingredjent attiv kompetitur, għalhekk, tagħmel il-glifosat u l-glufosinat saħansitra kompetituri aktar mill-qrib.

(91) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll ir-restrizzjoni kompetittiva minn kompetituri terzi. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex probabbli li l-kompetituri jikkostitwixxu restrizzjoni kompetittiva sinifikanti wara t-Tranżazzjoni.

(92) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mal-NSH agrikola għal għelejjel perenni u mal-NSH mhux agrikola (prepostemerġenti u postemerġenti għal użi tal-IVM) f'diversi Stati Membri.

(B) Innovazzjoni mhux selettiva tal-erbiċidi (effetti mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni)

(93) Fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni li tinvolvi prodotti futuri u dawk li għadhom fi stadju bikri ta' żvilupp, l-investigazzjoni żvelat trikkib dirett bejn [prodotti li għadhom qegħdin jiġu żviluppati] ta' Monsanto (li jinkludi wkoll kollaborazzjoni ma' Sumitomo fuq kimika PPO ġdida) u l-prodott li għadu fi stadju bikri ta' żvilupp ta' Bayer (li jinkludi wkoll [il-linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH]) maħsuba sabiex jattakkaw il-frankiġja tal-glifosat fl-użi kollha tiegħu (għal burndown, livell superjuri ta' għelejjel tolleranti għall-erbiċidi u l-għelejjel perenni). L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li l-Partijiet huma kompetituri mill-qrib u importanti fl-ispazju ta' innovazzjoni tal-NSH.

(94) Il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li l-inċentivi tal-Partijiet sabiex isegwu b'mod indipendenti l-isforzi tagħhom fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, li huma f'kompetizzjoni mill-qrib ma' xulxin, se jitnaqqsu wara t-Tranżazzjoni.

(95) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni sabet ukoll li r-restrizzjoni li se tiġi eżerċitata wara t-Tranżazzjoni mill-bqija tal-kompetituri mhux se tkun biżżejjed.

(96) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mal-innovazzjoni tal-NSH minħabba li x'aktarx telimina restrizzjoni kompetittiva mill-qrib u importanti li twassal għal ħsara potenzjali għall-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fl-NSH billi tikkombina l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni rispettivi tal-Partijiet u l-portafolli tal-prodotti tal-NSH.

(C) Sistemi ta' tolleranza għall-erbiċidi (effetti mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-innovazzjoni)

(97) Filwaqt li s-sistemi HT bħalissa mhumiex qegħdin jintużaw b'mod sinifikanti fiż-ŻEE minħabba li l-karatteristiċi HT ġenetikament modifikati ġeneralment ma jiġux approvati, il-Kummissjoni tqis li hija kompetenti sabiex tivvaluta s-sistemi globalment għall-istess raġunijiet kif spjegati hawn fuq fir-rigward tal-karatteristiċi fuq skala kbira u l-karatteristiċi kkombinati (ara l-paragrafi (76)-(77)), li huma wieħed mill-komponenti ewlenin ta' sistemi bħal dawn.

(98) It-Tranżazzjoni tikkawża effetti mhux ikkoordinati fuq l-innovazzjoni għas-sistemi indipendenti li għalihom Bayer u Monsanto segwew binarji paralleli u se jkomplu jagħmlu hekk fin-nuqqas tat-Tranżazzjoni, inkluż f'sistemi HT mhux ġenetikament modifikati għall-qamħ, fejn [pjanijiet ta' negozju] ftit li xejn hemm parteċipanti [pjanijiet ta' negozju] li jidhru li huma attivi.

(99) B'mod partikolari, iż-żewġ Partijiet qegħdin jaħdmu fuq saffi addizzjonali bbażati fuq il-modi ta' azzjoni [il-linja ta' riċerka 2 tal-NSH] u [il-linja ta' riċerka 3 tal-NSH] sabiex jikkomplementaw is-Sistemi HT rispettivi tagħhom fuq l-għelejjel u globalment, kemm ma' Bayer kif ukoll ma' Monsanto [prodott li għadu qed jiġi żviluppat] li għamlu sforzi paralleli mill-qrib notevoli fil-[mod ta' azzjoni tal-linja ta' riċerka 3 tal-NSH].

(100) Barra minn hekk, iż-żewġ Partijiet żviluppaw kapaċitajiet b'saħħithom sabiex jiskopru u jiżviluppaw [prodott li għadu qed jiġi żviluppat], u Bayer bħalissa qed taħdem fuq [prodott li għadu qed jiġi żviluppat].

(101) Il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li l-inċentivi tal-Partijiet sabiex isegwu b'mod indipendenti l-isforzi tagħhom fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp f'Sistemi HT, li huma f'kompetizzjoni mill-qrib ma' xulxin, se jitnaqqsu wara t-Tranżazzjoni.

(102) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li hemm restrizzjoni limitata mill-isforzi tal-innovazzjoni tal-kompetituri f'dan il-qasam minħabba l-ostakoli kbar għad-dħul għall-innovazzjoni fl-NSH u fil-karatteristiċi – żewġ komponenti ewlenin tas-Sistemi HT – kif ukoll speċifikament għas-Sistemi HT.

(103) Il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mal-innovazzjoni fis-Sistemi HT minħabba li telimina r-restrizzjonijiet kompetittivi importanti li jeżerċitaw il-Partijiet qabel it-Tranżazzjoni.

5.2.4.2. *It-trattament taż-żrieragħ*

(A) It-trattament taż-żrieragħ nematiċidali (kompetizzjoni potenzjali)

(104) Bħalissa ma hemm l-ebda trattament taż-żrieragħ nematiċidali mibjugħ fiż-ŻEE. Iż-żewġ Partijiet qegħdin jippjanaw li jniedu trattamenti taż-żrieragħ nematiċidali fiż-ŻEE fil-futur qrib.

(105) Il-Kummissjoni tqis li l-Partijiet huma kompetituri mill-qrib u importanti fis-swieq għat-trattament taż-żrieragħ nematiċidali fl-[għelejjel] fiż-ŻEE. L-investigazzjoni tas-suq tindika li [pjanijiet ta' integrazzjoni].

(106) Il-kompetituri tal-Partijiet huma konsiderevolment iżgħar u ma għandhomx il-kapaċitajiet kif ukoll l-iskala u l-ambitu tal-parteċipanti akbar.

(107) Il-Kummissjoni tikkonkludi li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mat-trattament taż-żrieragħ nematiċidali fl-[għelejjel] fl-Istati Membri kollha taż-ŻEE fejn jitkabbru l-għelejjel, minħabba li x'aktarx li telimina restrizzjoni kompetittiva importanti u tirriżulta f'effetti mhux ikkoordinati fuq il-kompetizzjoni tal-prodott u tal-prezz.

(B) It-trattament taż-żrieragħ Fungiċidali u Insettiċidali (effetti vertikali)

(108) Bayer hija parteċipanta ewlenija fit-trattament taż-żrieragħ fiż-ŻEE, partikolarment fit-trattament taż-żrieragħ insettiċidali għall-qamħirrum, filwaqt li Monsanto ma għadhiex attiva fit-trattament taż-żrieragħ fiż-ŻEE […]. B'hekk, ma hemm l-ebda trikkib bejn il-Partijiet fiż-ŻEE fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ fungiċidali u insettiċidali. Madankollu, it-Tranżazzjoni tagħti lok għal relazzjoni vertikali bejn is-suq *upstream* għat-trattament taż-żrieragħ u s-suq *downstream* għal żrieragħ (ittrattati) fejn huma attivi Bayer u Monsanto.

(109) Fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ insettiċidali, it-Tranżazzjoni tagħti lok għal suq affettwat fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ insettiċidali għall-qamħirrum u l-OSR f'diversi Stati Membri.

(110) Filwaqt li Bayer għandha pożizzjoni b'saħħitha fit-trattament taż-żrieragħ f'diversi minn dawn is-swieq, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex probabbli li Bayer tippreservah minħabba (i) sitwazzjoni regolatorja li qed tevolvi u (ii) id-dħul imminenti probabbli ta' parteċipanti ġodda fis-suq.

(111) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, wara t-Tranżazzjoni, mhuwiex probabbli li l-Partijiet ikollhom il-kapaċità u l-inċentiv li jinvolvu ruħhom fi strateġija ta' preklużjoni tal-input għad-detriment tal-parteċipanti fis-suq għal żrieragħ tal-qamħirrum ittrattati bi trattament taż-żrieragħ insettiċidali.

(112) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, wara t-Tranżazzjoni, il-Partijiet ma jkollhomx saħħa sinifikanti fis-swieq *downstream*.

(113) Fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ funġiċidali, fiż-żewġ swieq *upstream* affettwati (l-Awstrija u r-Renju Unit) Bayer hija sempliċiment attiva bħala bejjiegħa mill-ġdid ta' prodotti ġeneriċi li jistgħu jiġu prodotti u mibjugħa minn fornituri oħrajn. Barra minn hekk, l-investigazzjoni indikat li, filwaqt li fis-suq nazzjonali kkonċernat Bayer hija l-uniku fornitur, fil-livell taż-ŻEE hemm fornituri oħrajn li jistgħu jidħlu fis-swieq Awstrijaċi u tar-Renju Unit.

5.2.4.3. *Funġiċidi (kompetizzjoni tal-innovazzjoni)*

(114) Ma hemm l-ebda trikkib fiż-ŻEE għall-funġiċidi, fuq il-bażi li Monsanto bħalissa ma tbigħ l-ebda wieħed minn dawn il-prodotti fiż-ŻEE. It-trikkib bejn Bayer u Monsanto huwa limitat għat-trikkib fl-innovazzjoni.

(115) L-investigazzjoni indikat li Bayer u Monsanto mhumiex kompetituri mill-qrib fl-innovazzjoni u li hemm numru suffiċjenti ta' kompetituri attivi fl-istess spazji ta' innovazzjoni, li jżommu biżżejjed pressjoni kompetittiva wara t-Tranżazzjoni.

(116) Fid-dawl tal-evidenza disponibbli għaliha, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fil-funġiċidi.

5.2.4.4. *Insettiċidi (kompetizzjoni tal-innovazzjoni)*

(117) Ma hemm l-ebda trikkib fiż-ŻEE fis-suq tal-prodotti għall-insettiċidi, fuq il-bażi li Monsanto bħalissa ma tbigħ ebda wieħed minn dawn il-prodotti fiż-ŻEE. It-trikkib bejn Bayer u Monsanto huwa limitat għat-trikkib fl-innovazzjoni.

(118) Fid-dawl tal-evidenza disponibbli għaliha, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-innovazzjoni fuq l-insettiċidi.

5.2.4.5. *Prodotti Mikrobiċi għall-Effiċjenza tal-Għelejjel (kompetizzjoni tal-innovazzjoni)*

(119) Ma hemm l-ebda trikkib attwali bejn il-Partijiet fil-bijostimulanti jew il-bijofertilizzanti fiż-ŻEE, fuq il-bażi li bħalissa Bayer ma tbigħ l-ebda prodott fiż-ŻEE.

(120) Il-Kummissjoni ssib li għalkemm it-Tranżazzjoni proposta se tikkombina żewġ parteċipanti importanti fil-prodotti bijoloġiċi, se jkompli jkun hemm bosta parteċipanti oħrajn b'kapaċitajiet ta' innovazzjoni importanti u bil-kapaċità li jġibu prodotti ġodda fis-suq.

(121) Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mat-trattament taż-żrieragħ mikrobiċi għall-effiċjenza tal-għelejjel, kemm f'termini ta' kompetizzjoni tal-prezz u tal-prodott kif ukoll ta' kompetizzjoni tal-innovazzjoni.

5.2.4.6. *Saħħet in-naħal (kompetizzjoni tal-innovazzjoni)*

(122) Ma hemm l-ebda trikkib fiż-ŻEE fis-suq tal-prodotti ta' saħħet in-naħal li għandhom fil-mira d-dud varroa, fuq il-bażi li Monsanto bħalissa ma tbigħ l-ebda wieħed minn dawn il-prodotti fiż-ŻEE. It-trikkib bejn Bayer u Monsanto huwa limitat għat-trikkib fl-innovazzjoni.

(123) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-evidenza disponibbli mhijiex biżżejjed sabiex tistabbilixxi skont l-istandard meħtieġ li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni fis-suq tal-prodotti għal saħħet in-naħal li għandhom fil-mira d-dud varroa fiż-ŻEE.

5.2.5. ***Preskrizzjonijiet agronomiċi diġitali***

(124) Il-Kummissjoni tqis (i) Bayer u Monsanto huma kompetituri potenzjali fis-suq għall-forniment ta' preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali ta' funġiċidi għal għelejjel fuq skala kbira.

(125) Bayer [prodott li għadu qed jiġi żviluppat].

(126) Monsanto waslet biex tniedi l-pjattaforma tal-agrikoltura diġitali tagħha fiż-ŻEE, FielView u [prodott li għadu qed jiġi żviluppat].

(127) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li (ii) fin-nuqqas tat-Tranżazzjoni, Bayer u Monsanto x'aktarx li jimponu restrizzjonijiet kompetittivi importanti fuq xulxin u fuq kompetituri oħrajn. Monsanto hija meqjusa bħala li tinsab fuq quddiem nett fl-agrikoltura diġitali globalment u Bayer hija parteċipanta ewlenija tal-agrikoltura diġitali fl-Ewropa; u ż-żewġ kumpaniji għandhom il-kapaċitajiet wesgħin meħtieġa sabiex jiżviluppaw u jtejbu l-preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali, inkluż l-aċċess għal *data* agronomika sinifikanti riżervata u ta' partijiet terzi.

(128) Barra minn hekk, (iii) Bayer u Monsanto huma komparabbli biss ma' numru limitat ta' kompetituri li x'aktarx ma jeżerċitawx grad suffiċjenti ta' pressjoni kompetittiva wara t-Tranżazzjoni fir-rigward tal-preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali ta' fungiċidi għal għelejjel fuq skala kbira fiż-ŻEE.

(129) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li: (iv) l-agrikoltura diġitali, inklużi l-preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali, hija kkaratterizzata mill-vantaġġ tal-innovatur; u li (v) wara t-Tranżazzjoni, l-isforzi tal-innovazzjoni ta' Bayer fl-agrikoltura diġitali x'aktarx li jitwaqqfu kompletament jew parzjalment.

(130) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-Tranżazzjoni se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva b'rabta mal-preskrizzjonijiet agronomiċi diġitali minħabba l-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva importanti fis-suq, b'mod partikolari fis-suq għall-forniment ta' preskrizzjonijiet b'mezzi diġitali ta' fungiċidi għal għelejjel fuq skala kbira fl-Istati Membri kollha taż-ŻEE fejn jinsabu l-Partijiet [prodott li għadu qed jiġi żviluppat].

5.2.6. *L-integrazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni taż-żrieragħ u tal-għelejjel (effetti ta' konglomerat)*

(131) Bayer hija parteċipanta globali ewlenija fil-protezzjoni tal-għelejjel, filwaqt li Monsanto hija parteċipanta globali ewlenija fil-karatteristiċi, iż-żrieragħ u l-agrikoltura diġitali. Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni dettaljata tal-probabbiltà li t-Tranżazzjoni xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fiż-ŻEE minħabba effetti ta' konglomerat li jirriżultaw fil-preklużjoni tal-kompetituri, b'mod partikolari minħabba l-iggruppar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel u ż-żrieragħ tal-Partijiet, possibbilment iffaċilitat bl-agrikoltura diġitali.

(132) Il-Kummissjoni vvalutat il-kapaċità u l-inċentiv tal-entità amalgamata li tinvolvi ruħha fi strateġiji ta' ggruppar fil-livell tad-distributur u f'dak tal-kultivatur, kif ukoll l-impatt probabbli ta' strateġiji bħal dawn fuq il-kompetizzjoni.

(133) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni ma kkonfermatx li l-Partijiet għandhom, b'mod ġenerali, saħħa suffiċjenti fis-suq u, b'mod partikolari, saħħa fuq id-distributuri (li minnhom infushom jidhru li għandhom grad qawwi ta' saħħa tax-xerrej) jew il-kultivaturi (li jidhru li huma riluttanti li jirċievu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti għal raggruppamenti minn fornituri tal-input) sabiex jinvolvu ruħhom b'suċċess fl-istrateġiji tal-iggruppar.

(134) Barra minn hekk, minħabba li l-karatteristiċi ĠM ma tantx huma kkultivati fl-Ewropa, is-saħħa fis-suq addizzjonali li ġabet magħha t-Tranżazzjoni hija limitata.

(135) Fi kwalunkwe każ, abbażi tal-evidenza disponibbli, anki jekk il-Partijiet setgħu jsegwu strateġiji ta' ggruppar, is-sehem tas-suq prekluż għal parteċipanti ta' prodotti uniċi jkun żgħir u xorta jibqa' għadd suffiċjenti ta' rivali.

(136) Barra minn hekk, ir-rivali li fadal x'aktarx ikollhom il-kapaċità u l-inċentiv sabiex jirreaġixxu b'mod effettiv.

(137) Barra minn hekk, l-attivitajiet emerġenti tal-Partijiet fl-agrikoltura diġitali fiż-ŻEE jitqiesu wkoll bħala li x'aktarx ibiddlu l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq fir-rigward tal-iggruppar potenzjali fuq perjodu medju minħabba li bħalissa qegħdin jiġu żviluppati u mnedija. Huwa diffiċli li jsiru konklużjonijiet rigward l-impatt tagħhom fuq l-iffaċilitar tal-iggruppar minħabba n-natura emerġenti ta' dawn il-mudelli tan-negozju.

(138) Għalhekk, kollox ma' kollox, filwaqt li l-entità amalgamata tista' tipprova tinvolvi ruħha f'xi strateġiji ta' ggruppar fil-ġejjieni, mhuwiex possibbli għall-Kummissjoni li tikkonkludi li t-Tranżazzjoni se jkollha probabbiltà suffiċjenti li jkollha effetti antikompetittivi sinifikanti minħabba l-iggruppar.

5.2.7. *Thassib mhux relatat mal-kompetizzjoni*

(139) Matul il-proċedimenti tal-għaqda, għadd ta' partijiet terzi esprimew lill-Kummissjoni tħassib dwar l-effetti potenzjali tat-Tranżazzjoni li ma kinux relatati mal-protezzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, pereżempju rigward l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli u s-saħħa pubblika, kif ukoll is-settur agrikolu.

(140) Filwaqt li l-Kummissjoni kkunsidrat dawn is-sottomissjonijiet serjament, hija vvalutat il-kompatibbiltà tat-Tranżazzjoni mas-suq intern abbażi tat-test stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, billi ħadet inkonsiderazzjoni, fi ħdan il-valutazzjoni tagħha tal-kompetizzjoni, l-effetti tat-tħassib mhux relatat mal-kompetizzjoni tat-Tranżazzjoni, sal-punt biss permess u meħtieġ skont it-Trattat u r-Regolament dwar l-Għaqdiet, pereżempju, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni.

6. **RIMEDJI**

(141) Sabiex it-Tranżazzjoni tkun kompatibbli mas-suq intern, fit-2 ta' Frar 2018, il-Parti Notifikanti ppreżentat l-Ewwel Impenji, li ġew ittestjati fis-suq mill-Kummissjoni.

(142) L-ittestjar tas-suq kien fil-biċċa l-kbira pożittiv kemm fuq l-ambitu tar-rimedju kif ukoll fuq il-BASF bħala x-xerrejja tal-pakkett ta' rimedju tal-BASF, iżda identifika xi nuqqasijiet li l-Parti Notifikanti fittxet li tindirizza billi ssottomettiet l-Impenji Finali fis-16 ta' Frar 2018.

(143) L-Impenji Finali għandhom żewġ komponenti ewlenin: (i) impenn sabiex in-negozji u l-assi relatati maż-żrieragħ u l-karatteristiċi tal-għelejjel fuq skala kbira, il-protezzjoni tal-għelejjel u l-agrikoltura diġitali ([1]) jiġu ċeduti lil BASF (il-"Pakkett ta' Ċessjoni ta' BASF") u (ii) impenn sabiex jiġi ċedut in-negozju taż-żrieragħ tal-ħxejjex globali ta' Bayer (in-"Negozju taż-Żrieragħ tal-Ħxejjex Ċedut").

6.1. **Pakkett ta' Ċessjoni ta' BASF**

(144) L-Impenji Finali jidentifikaw lil BASF bħala l-akkwirent tal-pakkett ta' Ċessjoni ta' BASF u fihom klawżola ta' xerrej bil-quddiem, li jfisser li t-Tranżazzjoni tista' tiġi implimentata biss wara li l-Kummissjoni tkun approvat (1) lil BASF bħala l-akkwirent tal-Pakkett ta' Ċessjoni ta' BASF u (2) il-ftehimiet ta' bejgħ u xiri finali.

(145) Fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ma tagħmilx valutazzjoni finali ta' jekk BASF hijiex akkwirent xieraq u lanqas jekk il-ftehimiet bejn il-Parti Notifikanti u BASF humiex konsistenti mad-Deċiżjoni u mal-Impenji Finali. Dan minħabba li l-ftehimiet finali bejn Bayer u BASF għadhom ma ġewx konklużi u minħabba li hemm għadd ta' kwistjonijiet dwar l-idoneità ta' BASF bħala akkwirent li jeħtieġu aktar investigazzjoni. Il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni bħal din separatament u wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet inkonsiderazzjoni l-assi/l-kapaċitajiet ta' BASF, bħala l-Akkwirent propost, fil-valutazzjoni tal-Impenji Finali.

6.1.1. ***In-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti***

(146) L-Impenji Finali dwar in-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti jinvolvu ċ-ċessjoni minn Bayer tan-negozju globali kollu tagħha taż-żrieragħ u l-karatteristiċi tal-għelejjel fuq skala kbira (inklużi l-attivitajiet ta' riċerka), soġġetti għal ċerti konċessjonijiet limitati.

(147) In-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti jinkludu wkoll persunal ewlieni u għadd ta' ftehimiet ta' servizzi tranżitorji li għandhom jiġu pprovduti minn Bayer lil BASF.

(148) Il-Kummissjoni tqis li l-Impenji Finali, billi jirrikjedu li Bayer tiżvesti n-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti, se jneħħu t-trikkib orizzontali fis-swieq kollha taż-żrieragħ tal-għelejjel fuq skala kbira u tal-karatteristiċi tal-għelejjel fuq skala kbira fejn il-Kummissjoni identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni. Iċ-ċessjoni tan-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti se tiżgura wkoll li l-pożizzjoni dominanti ta' Monsanto fis-swieq b'karatteristiċi ta' għelejjel fuq skala kbira ma tkomplix tissaħħaħ aktar. Fl-aħħar nett, iċ-ċessjoni tal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-karatteristiċi ta' Bayer se jindirizza wkoll it-tħassib identifikat mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-innovazzjoni.

6.1.2. ***In-Negozju Ċedut tal-GA u l-Assi tal-Glifosat***

(149) In-Negozju Ċedut tal-GA huwa n-negozju globali sħiħ ta' Bayer tal-glufosinat, mingħajr konċessjonijiet. Huwa jinkludi l-assi tanġibbli u intanġibbli kollha u l-persunal, inklużi 15-il membru tal-persunal prinċipali. Qegħdin jiddaħħlu fis-seħħ għadd ta' ftehimiet ta' provvista tranżitorji u fuq perjodu ta' żmien itwal sabiex jiżguraw il-vijabbiltà u l-kompetittività tagħha mill-ewwel jum u għal żmien twil.

([1]) Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni approvat it-talba ta' Bayer sabiex timmodifika l-impenji fir-rigward tal-protezzjoni tal-għelejjel (trattament taż-żrieragħ) u l-agrikoltura diġitali (ara l-paragrafu 7).

(150) L-Assi tal-Glifosat jinkludu l-erbiċidi mhux selettivi kollha tal-glifosat (agrikoli u mhux agrikoli) attwali u futuri ta' Bayer fiż-ŻEE biss (Bayer iżżomm dawn il-prodotti barra miż-ŻEE). Dawn jinkludu l-persunal rilevanti kollu, inklużi sitt membri tal-persunal prinċipali. Dawn ma jinkludux l-assi ta' produzzjoni, iżda hemm fis-seħħ għadd ta' ftehimiet ta' provvista tranżitorji u fuq perjodu ta' żmien twil sabiex jiżguraw il-vijabbiltà u l-kompetittività tagħhom mill-ewwel jum u għal żmien twil.

(151) In-Negozju Ċedut tal-GA u l-Assi tal-Glifosat ineħħu t-trikkib kollu bejn il-prodotti eżistenti ta' glifosat u glufosinat tal-Partijiet f'erbiċidi mhux selettivi (agrikoli u mhux agrikoli) fiż-ŻEE u jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar l-erbiċidi mhux selettivi agrikoli u mhux agrikoli fiż-ŻEE.

6.1.3. ***L-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ*** [1]

(152) L-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ jinkludu, b'mod partikolari, l-assi meħtieġa sabiex jippermettu ċ-ċessjoni globali tan-negozji tat-trattament taż-żrieragħ Poncho, VOTiVO, Poncho/VOTiVO, VOTiVO/RedigoM, VOTiVO 2.0, Poncho/VOTiVO 2.0, COPeO u ILeVO ta' Bayer u l-prodott li għadu qed jiġi żviluppat għal BASF. L-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, id-*data* u l-għarfien kollha, ir-reġistrazzjonijiet tal-prodotti kollha u s-sottomissjonijiet regolatorji pendenti, l-assi tal-bejgħ u tal-kummerċjalizzazzjoni u kuntratti speċifiċi għall-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ. Bayer timpenja ruħha wkoll li tforni dawn il-prodotti lil BASF bi spiża varjabbli għal perjodu ta' żmien limitat (sakemm BASF tkun tista' tistabbilixxi sors alternattiv ta' produzzjoni).

(153) L-Impenji Finali fuq l-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ se jeliminaw it-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet rispettivi tal-Partijiet fir-rigward tat-trattament taż-żrieragħ nematiċidali u, b'hekk, se jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni.

6.1.4. ***It-Trasferimenti tad-Data u l-Liċenzji [linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH]***

(154) L-għan tat-Trasferimenti tad-*Data* u l-Liċenzji [linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH] huwa li jirreplikaw il-pożizzjoni kompetittiva miżmuma minn Bayer fin-nuqqas tat-Tranżazzjoni fl-innovazzjoni għal erbiċidi mhux selettivi u s-Sistema HT (flimkien maċ-ċessjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka dwar il-karatteristiċi ta' Bayer bħala parti min-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti).

(155) It-Trasferimenti tad-*Data* u l-Liċenzji [linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH] jinkludu *data* u għarfien dwar il-qasam, kif ukoll liċenzja esklussiva għal applikazzjonijiet f'erbiċidi mhux selettivi. Huma jinkludu xjenzat wieħed jew tnejn bħala Persunal Ewlieni għal kull linja ta' riċerka, kif ukoll l-għażla għal BASF li toffri impjieg lil tliet impjegati addizzjonali ta' Bayer - li għandhom jitqiesu bħala Persunal Ewlieni - li jaħdmu fuq kwalunkwe waħda mit-tliet linji ta' riċerka.

(156) It-Trasferimenti tad-*Data* u l-Liċenzji [linji ta' riċerka 1, 2 u 3 tal-NSH] jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni dwar l-innovazzjoni għal erbiċidi mhux selettivi u s-Sistema HT (flimkien maċ-ċessjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka dwar il-karatteristiċi ta' Bayer bħala parti min-Negozji fuq Skala Kbira Ċeduti u l-ftehimiet ta' provvista għal isoxaflutole).

6.1.5. ***Assi tal-Agrikoltura Diġitali*** [2]

(157) L-għan taċ-ċessjoni tal-Assi tal-Agrikoltura Diġitali ta' Bayer huwa li jippermetti lil BASF tirreplika l-pożizzjoni kompetittiva miżmuma minn Bayer fin-nuqqas tat-Tranżazzjoni.

(158) L-Impenn Finali jinkludi ċ-ċessjoni kollha kemm hi lil BASF tan-negozju tal-agrikoltura diġitali ta' Bayer fuq livell dinji, b'liċenzja limitata li terġa' lura għand Bayer barra mill-Amerika ta' Fuq.

6.2. **Pakkett dwar iż-Żrieragħ tal-Ħxejjex**

(159) In-Negozju taż-Żrieragħ tal-Ħxejjex Ċedut jikkonsisti fin-negozju globali taż-żrieragħ tal-ħxejjex ta' Bayer, inklużi entitajiet legali, siti, assi, marki, impjegati/persunal ewlieni, listi ta' klijenti, eċċ. b'konċessjonijiet limitati.

(160) Wieħed mill-kriterji għall-Akkwirent huwa li l-Akkwirent irid ikun parteċipant ġdid, jiġifieri, ma jikkontrollax diġà (direttament jew indirettament) xi negozju taż-żrieragħ tal-ħxejjex. Dan il-kriterju se jiżgura l-istess numru ta' parteċipanti bħal qabel it-Tranżazzjoni fis-swieq taż-żrieragħ tal-ħxejjex.

[1] Id-deskrizzjoni tal-Assi tat-Trattament taż-Żrieragħ tirrifletti l-Impenji Finali mmodifikati kif approvati mill-Kummissjoni fil-11 ta' April 2018 (ara l-paragrafu 7).

[2] Id-deskrizzjoni tal-Assi tal-Agrikoltura Diġitali tirrifletti l-Impenji Finali mmodifikati kif approvati mill-Kummissjoni fil-11 ta' April 2018 (ara l-paragrafu 7).

(161) Għalhekk, iċ-ċessjoni tan-Negozju taż-Żrieragħ tal-Ħxejjex Ċedut ineħħi t-trikkib orizzontali bejn l-attivitajiet ta' Bayer u Monsanto b'rabta maż-żrieragħ tal-ħxejjex. Il-Kummissjoni tqis ukoll in-Negozju taż-Żrieragħ tal-Ħxejjex Ċedut bħala negozju vijabbli u kompetittiv. Kien hemm interess espress minn akkwirenti potenzjali.

7. **KONKLUŻJONI**

(162) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

(163) Konsegwentement, il-konċentrazzjoni nnotifikata għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE, f'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.